MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Citazzjoni Numru. 368/1994/2

**Aurelio Camilleri**

**vs**

**John Formosa ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Formosa & Camilleri Limited u dina bhala agent tad-ditta assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc u b'nota tas-7 ta' April 1994, Angele Borg assumiet l-atti tal-kawza minflok John Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fit-30 ta' Dicembru 1992 is-socjeta konvenuta nomine kienet harget polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" (Polza numru 36938 501 01/152621/21) (Dok A) favur l-

attur fuq il-karozza tieghu tal-marka Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni F-5081 (M) ghall-valur ta' hamest elef u hames mitt lira (LM5,500);

Illi fid-29 ta' Marzu 1993 meta iben l-attur mar ghall-karozza fuq imsemmija li l-attur kien halla pparkjata go Valletta Road, Marsa, huwa sab il-karozza mahbuta mal-hajt milli jidher b'konsegwenza ta' daqqa moghtija lilha minn xi vettura ohra misjuqa minn persuni ignoti li baqghu sejrin;

Illi b'konsegwenza tal-hsarat li garrbet f'dan l-incident, il-karozza sfat "beyond economical repair" tant li l-espert tekniku tas-socjeta' konvenuta stima "wreck value" taghha fis-somma ta' seba' mitt lira (Lm700);

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex tonora l-obbligi taghha taht il-polza fuq imsemmija u tirrisorci lill-attur ghad-danni subiti, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija obbligata tikkumpensa lill-attur ghad-danni minnu subiti fil-karozza numru ta' registrazzjoni F-5081 minhabba l-incident fuq imsemmi u dan ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija;

2. Konsegwentement tikkunddannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira (Lm4,800) rappresentanti l-valur "pre-accident" tal-karozza nieqes il-"wreck value" taghha, jew kwalsiasi somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, b'dan illi l-istess karozza tibqa' proprjeta' tal-istess attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 17 ta' Gunju 1993 u 14 ta' Jannar 1994 u bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dan in vista tal-fatt li l-allegat kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet li huwa l-pern tal-kawza attrici, ma jezistix, u qatt ma ezista legalment;

2. Illi meta l-attur kien mar u mela l-proposal form, li kif jaf kulhadd hija l-bazi tal-polza ta' assikurazzjoni, wiegeb hazin ghal diversi domandi li sarulu jew ma svelax certa informazzjoni ta' natura importanti;

3. Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess illi l-fatti kif elenkati mill-attur ma grawx kif qalhom hu u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differta ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li fit-30 ta' Dicembru 1992 is-socjeta assikuratrici konvenuta kienet harget polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" favur tieghu ghar-rigward tal-vettura tal-marka Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni F-5081(M) u dana ghall-valur ta' hamest elef u hames mitt lira (LM5500). L-attur jippremetti ukoll li fid-29 ta' Marzu 1993 huwa halla din il-vettura parkeggjata go

Valletta Road, Marsa. Sussegwentement l-attur sab il-vettura mahbuta go hajt x’aktarx bhala konsegwenza ta’ xi daqqa ta’ xi vettura ohra misjuqa minn injoti. Bhala konsegwenza il-vettura tal-attur garbet hsarat kbar tant li giet dikjarata bhala "beyond economical repair" u l-espert tekniku tas-socjeta' konvenuta ghamel valutazzjoni tar-"wreck" fis-somma ta' seba' mitt lira (Lm700). L-attur ikompli jippremetti li s-socjeta konvenuta rrifjutat li tirrisarcixxi dawn id-danni subiti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri. Ghalhekk ukoll l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta hi obbligata tikkumpensa lill-attur ghal dawn id-danni minnu sofferti u dana ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva. Qed jitlob ukoll li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira (Lm4800) u cioe’ l-valur assikurat tal-vettura qabel l-imsemmi incident nieqes il-"wreck value" taghha;

Is-socjeta assikuratrici konvenuta qed teccepixxi li l-allegat kuntratt ta' assikurazzjoni in effett ma jezistix u qatt ma ezista legalment. L-attur kien wiegeb hazin ghal xi domandi fuq il-proposal form u ma svelax certa informazzjoni ta' natura importanti. Fil-mertu qed jigi eccepit li l-fatti kif elenkati mill-attur ma grawx kif qal l-istess attur;

Jirrizulta li fit-30 ta' Dicembru 1992 is-socjeta assikuratrici konvenuta harget polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" favur l-attur ghar-rigward tal-karozza tal-attur tal-marka Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni F-5081(M) ghall-valur ta' hamest elef u hames mitt lira (LM5500). L-attur jghid li fid-29 ta' Marzu 1993 huwa pparkja l-istess karozza go Valletta Road Marsa. Sussegwentement il-karozza instabet mghaffga mal-hajt x’aktarx b'konsegwenza ta’daqqa minn karozza ohra li pero’ baqghet ma nstabitx. L-attur ghamel il-“claim” lis-socjerta konvenuta li ndikat li ma kinetx se tonora l-polza. Dan wara li kien gie inkarigat espert li fost affarijiet ohra kien indika li l-karozza in kwestjoni kienet "beyond economical repair" b'"wreck value" ta' seba' mitt lira (Lm700);

Is-socjeta konvenuta qed issostni li l-attur volutament irrisponda hazin ghal certu domandi fuq il-proposal form oltre li ma tax l-informazzjoni kollha;

L-attur jghid li l-karozza kien sabha mahbuta mal-hajt cirka metru u nofs iktar 'l isfel minn fejn kien hallija ipparkeggiata. L-attur jallega li l-Pulizija ta’ Rahal Gdid qalulu biex, la darba l-karozza setghet tigi misjuqa, huwa kellu jiehu l-istess karozza hdejn l-istess Ghassa, kif fil-fatt sar u fejn giet spezzjonata minn Surgent tal-Pulizija. L-attur jghid li huwa informa bl-incident lis-socjeta assikuratrici konvenuta, li bdiet tinsisti li t-tisswijiet isiru ghand garage li kien ghamel stima orhos tad-danni minn garages ohra. L-attur oggezzjona ghal dan. L-attur jghid li kien akkwista l-istess vettura fil-1990 bil-prezz ta' sitt elef mija u hamsin lira (Lm6150). Huwa jghid li kien it-tifel tieghu Sergio li kellem lill konvenuti biex tinhareg il-polza in kwestjoni. Huwa jghid li kull ma ghamel ghar-rigward tal-istess polza kien li ffirma d-dokumenti relattivi;

Bin l-attur Sergio Camilleri kkonferma li ghall-ewwel il-karozza kienet assikurata "third party fire & theft" pero sussegwentement missieru hass li jkun ahjar jekk jassikuraha "fully comprehesive" u dana minhabba li kemm huwa kif ukoll ohtu kienu bdew isuquha. In effett il-karozza giet assikurata “fully comporehensive” mas-socjeta konvenuta;

Kien bin l-attur li kien sab il-karozza in kwestjoni mahbuta mal-hajt. Ghall-ewwel ra hafna hgieg mal-art u mbaghad ra l-genb tax-xellug tal-karozza mifqugh. Il-genb tal-lemin tal-bieba ta' wara tal-Golf kien qed imiss mal-hajt. Hdejn il-karozza kien hemm bicca mica ta' fanal u bicca hard metal ta' xi karozza ohra li kienet mizbugha hadra. Meta l-karozza ttiehted l-ghassa, din giet spezzjonata mis-Surgent 719 Joseph Portelli. Il-konvenuti bdew jghidu li l-incident gara band’ohra u ghalhekk ma kinux ser jghamlu tajjeb ghall-ispejjez relattivi;

Jirrizulta ukoll li l-proposal form saret minn bin l-attur u l-attur kull ma ghamel kien li ffirma l-itsess formula;

Ix-xhieda Joseph Cuschieri, Edward Calamatta u Claudine Camilleri, li kienu mal-imsemmi Sergio Camilleri, cioe' bin l-attur, meta allegtamanet il-karozza instabet mdahhla fil-hajt sostanzjalment ikkonfermaw dak li qal l-istess Sergio Camilleri. Huma kkonfermaw li ma kienx is-Surgent tal-Pulizija li kien mar fuq il-post izda huma kienu nizzlu l-karozza hdejn l-ghassa fejn gie spezzjonata mill-istess surgent;

Jinkombi fuq l-attur li jipprova sufficjentement il-pretensjonijiet tieghu. Ma giex pruvat sufficjentement li l-habta sehhet fejn allega l-attur u kif qal l-istess attur. Ix-xhieda li gew prodotti mill-attur mhux daqstant affidabbli u l-Qorti thoss li ghandha tistirh fuq dak li qalu dawn ix-xhieda. Fil-verzjoni tal-attur hemm certu inkonsistenzi inkluz li lanqas ma gie pruvat sufficjentement il-hin ta' meta ghall-ewwel nstabet il-vettua mahbuta mal-hajt. In effett P.S. 719 John Portelli jikkontradici l-versjoni tal-attur u jghid li huwa in effett esamina l-vettura fil-post fejn instabet mghafga mal-hajt u mhux hdejn l-ghassa kif jallega l-istess attur. Lanqas ma gie pruvat sufficjentement li l-pulizija rrifjutaw li jmorru fuq il-post kif jallega l-istess attur;

L-attur naqas li jipproduci provi oggettivi in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu. In effett huwa naqas li jipproduci dawk l-oggetti li allegatament instabu fil-post in kwestjoni. Il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert inkarigat mill-partijiet per se huma inkonklusivi pero' jissollevaw aktar dubji dwar il-versjoni tal-attur. Dan l-espert ikkonkluda li ma kien hemm ebda provi li din il-karozza garrbet il-hsara in kwestjoni fil-post fejn qed jghid l-attur u x-xhieda minnu prodotti. Huwa kkonkluda ukoll li fl-ebda parti tal-hajt in kwestjoni ma kien hemm tracci ta' xi karozza mahbuta fl-istess hajt. Huwa jghid ukoll li l-accertamenti kollha u l-investigazzjonijiet relattivi kellhom isiru mill-pulizija a tempo vergine u cioe ftit wara li sehhet l-allegata kollizzjoni;

Barra minn hekk jirrizulta li r-risposti li nghataw meta saret il-proposal form ma kinux ghal kollox veritjeri u ma nghatatx l-informazzjoni kollha necessarja. Hu ben risaput li, b'mod partikolari fl-assikurazzjoni, ghandha tinghata l-informazzjoni kollha veritjera li fuqa sussegwentement l-assikuratur jiddeciedi jekk johrog il-polza jew le. Hawnhekk ma nghatax tali informazzjoni fis-sens li il-konvenuti ma kinux informati bl-incidenti stradali li kien involut fihom l-attur qabel ma nharget il-polza in kwestjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet tal-attur ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------